

EBA/GL/2014/07

16/07/2014

Linji Gwida

dwar l-eżerċizzju ta' ġbir tad-dejta rigward persuni li jaqilgħu pagi għoljin

Status ta' dawn il-Linji gwida

Dan id-dokument fih linji gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE ('ir-Regolament tal-EBA'). Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament tal-EBA, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz biex jikkonformaw mal-linji gwida.

Il-linji gwida jistabbilixxu l-opinjoni tal-EBA dwar il-prattiki superviżorji xierqa fis-Sistema Ewropea tas-Superviżuri Finanzjarji jew dwar kif il-liġi tal-Unjoni għandha tiġi applikata f'qasam partikolari. L-EBA għalhekk tistenna li l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji kollha li lejhom huma indirizzati l-linji gwida jikkonformaw mal-linji gwida. L-awtoritajiet kompetenti li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki superviżorji tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida huma indirizzati primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

Rekwiżiti tar-rapportar

Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament tal-EBA, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-EBA jekk jikkonformawx jew jekk ikunux biħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella jagħtu r-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sas-16/09/2014. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti jitqiesu mill-EBA li mhumiex konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola pprovduta fit-Taqsima 5 lil compliance@eba.europa.eu bir-referenza 'EBA/GL/2014/07'. In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa li jirrapportaw il-konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom.

In-notifiki se jiġu ppubblikati fuq il-websajt tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

Titolu I - Is-suġġett, il-kamp ta' applikazzjoni u d-definizzjonijiet

1. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Linji Gwida

1.1. Dawn il-Linji Gwida jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-Artikolu 75(3) tad-Direttiva 2013/36/UE¹ dwar il-ġbir ta' informazzjoni rigward il-persuni fiżiċi għal kull istituzzjoni remunerata EUR 1 miljun jew aktar f'sena finanzjarja u jiżguraw il-konsistenza tal-informazzjoni miġbura.

1.2. Dawn il-Linji Gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti.

1.3. It-termini definiti fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2013/36/UE jew fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013² għandhom l-istess tifsira f'dawn il-Linji Gwida.

1.4. F'dawn il-Linji Gwida, 'persuni li jaqilgħu pagi għoljin' tfisser impjegati li jaqilgħu remunerazzjoni ta' mill-inqas EUR 1 miljun f'sena finanzjarja.

2. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-istituzzjonijiet soġġetti għall-ġbir tad-dejta

2.1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiġbru informazzjoni dwar il-persuni li jaqilgħu pagi għoljin mingħand:

- a. l-istituzzjonijiet kollha stabbiliti fl-Istati Membri kollha taż-ŻEE, fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni, bil-mod speċifikat fil-punt 3 hawn taħt;
- b. il-fergħat tal-istituzzjonijiet fi ħdan iż-ŻEE li għandhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom f'pajjiż terz.

2.2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiġbru dejta għaż-żewġ kategoriji ta' ditti li ġejjin biss meta dawn ikunu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidazzjoni ta' istituzzjoni li għaliha tinġabar dejta rigward il-persuni li jaqilgħu pagi għoljin:

- a. id-ditti li jissemmew f'(b) u (ċ) tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;
- b. ditti oħrajn li la huma istituzzjonijiet ta' kreditu u lanqas ditti ta' investiment.

3. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidazzjoni

Meta l-awtoritajiet kompetenti jiġbru informazzjoni fl-ogħla livell ta' konsolidazzjoni kif imsemmi fil-punt 2.1. hawn fuq, din l-informazzjoni għandha tkopri s-sussidjarji u l-fergħat kollha fi ħdan grupp stabbilit fiż-ŻEE, kif ukoll informazzjoni għall-fergħat tal-istituzzjonijiet fi ħdan iż-ŻEE li għandhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom f'pajjiż terz. Id-dejta rigward persuni li jaqilgħu pagi għoljin ma għandhiex tinġabar permezz ta' dan l-eżerċizzju, anki jekk tkun relatata ma' sussidjarji jew fergħat ta' gruppi fi ħdan iż-ŻEE.

¹ Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU 176, 27.6.2013, p. 338).

² Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

Titolu II- Rekwiżiti li jikkonċernaw il-format u l-frekwenza tar-rapportaġġ għall-eżerċizzju ta' ġbir tad-dejta rigward persuni li jaqilgħu pagi għoljin

3. Informazzjoni li għandha tinġabar

3.1. Kif speċifikat fil-punt 1 hawn fuq, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiġbru d-dejta meħtieġa rigward il-persuni li jaqilgħu pagi għoljin mingħand l-istituzzjonijiet imsemmija fil-punt 2.1 b'konformità mal-Anness I u bil-mod speċifikat fl-Anness innifsu u fil-punti 3.2 sa 3.7.

3.2. Għandu jinġabar/jiġi pprovdut sett separat ta' dejta għal kull Stat taż-ŻEE fejn jinsabu l-persuni li jaqilgħu pagi għoljin u għal kull kategorija ta' pagamenti ta' EUR 1 miljun (eż. EUR 1 miljun sa inqas minn EUR 2 miljun; EUR 2 miljun sa inqas minn EUR 3 miljun, eċċ.).

3.3. L-għadd ta' persuni li jaqilgħu pagi għoljin għandu jiġi rrapportat bħala l-għadd ta' persuni fiżiċi (in-numru ta' ħaddiema), indipendentement mill-għadd ta' sigħat tax-xogħol li fuqhom huwa bbażat il-kuntratt tagħhom. Għall-persuni li jaqilgħu pagi għoljin, ir-rimunerazzjoni mħallsa f'euro, l-elementi tar-rimunerazzjoni, l-Istat taż-ŻEE, il-funzjoni jew il-qasam tan-negożju u r-responsabbiltà għandhom jiġu rrapportati b'konformità mal-Anness I.

3.4. Il-persuni li jaqilgħu pagi għoljin għandhom jiġu kklassifikati taħt l-Istat taż-ŻEE, il-funzjoni jew il-qasam tan-negożju u r-responsabbiltà fejn huma jwettqu l-parti predominanti tal-attivitajiet ta' negożju tagħhom. L-ammont sħiħ ta' remunerazzjoni mogħti lill-persuna rilevanti li taqla' paga għolja fi ħdan il-grupp jew l-istituzzjoni għandu jiġi rrapportat taħt dan l-Istat taż-ŻEE, il-funzjoni jew il-qasam tan-negożju u r-responsabbiltà. Jekk l-oqsma predominanti għal persuna waħda li taqla' paga għolja jkollhom l-istess piż, l-istituzzjoni għandha talloka l-persuna li taqla' paga għolja u r-rimunerazzjoni tagħha billi tiegħu f'kunsiderazzjoni l-allokazzjoni ta' persuni oħrajn li jaqilgħu pagi għoljin, sabiex b'hekk ir-rapport ikun jirrifletti bl-aħjar mod id-distribuzzjoni tal-persuni li jaqilgħu pagi għoljin fl-istituzzjoni. Għal kull persuna li taqla' paga għolja, il-figuri għandhom jiġu rrapportati darba biss u l-ammonti sħaħ għandhom jiġu assenjati biss lil Stat wieħed taż-ŻEE, funzjoni waħda jew qasam ta' negożju wieħed u responsabbiltà waħda.

3.5. Persuni li jaqilgħu pagi għoljin illi jwettqu attivitajiet professjonali fiż-ŻEE u barra minnha għandhom jiġu kklassifikati taħt Stat taż-ŻEE biss jekk huma jwettqu l-parti predominanti tal-attivitajiet professjonali tagħhom fiż-ŻEE. Altrimenti, il-figuri ma għandhomx jiġu rrapportati.

3.6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiġbru l-informazzjoni meħtieġa billi jużaw il-figuri ta' tmiem is-sena finanzjarja denominati f'euro. L-ammonti kollha għandhom jiġu rrapportati bħala ammonti sħaħ f'euro, jiġifieri mhux bħala ammonti arrotondati (eż. EUR 1 234 567.00 minflok EUR 1.2 miljun). L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet li ma għandhomx persuni li jaqilgħu pagi għoljin fil-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidazzjoni tagħhom fi ħdan iż-ŻEE jipprovdu rispons li jiddikjara dan il-fatt u ma jissottomettu ebda dejta addizzjonali.

3.7. Meta d-dejta dwar ir-rimunerazzjoni tal-persuni li jaqilgħu pagi għoljin tinġabar mingħand istituzzjonijiet li jiżvelaw il-figuri finanzjarji f'munita oħra minbarra l-euro, għandhom jintużaw ir-

rata tal-kambju użata mill-Kummissjoni għall-programmazzjoni finanzjarja u l-baġit għal Diċembru tas-sena rrapportata għall-konverżjoni tal-figuri li jridu jiġu rrapportati³.

4. Aggregazzjoni tad-dejta

4.1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jaggregaw id-dejta miġbura fl-Istat Membru tagħhom mill-istituzzjonijiet u l-fergħat, billi jaggregaw id-dejta rrapportata f'kull kategorija tal-pagamenti distintiva għal kull Stat Membru taż-ŻEE u jissottomettu d-dejta aggregata skont il-kategorija ta' pagamenti u skont l-Istat Membru taż-ŻEE lill-EBA. Fejn ikun hemm aktar minn awtorità kompetenti waħda fi Stat Membru, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkoordinaw il-ġbir tad-dejta sabiex jiżguraw li jinġabar u jiġi rrapportat sett wieħed biss ta' dejta għal dak l-Istat Membru.

4.2. L-EBA ser taggrega s-sottomissjonijiet tal-awtoritajiet kompetenti għal kull Stat taż-ŻEE u tippubblika rapport annwali rigward il-persuni li jaqilgħu pagi għoljin.

4.3. L-EBA ser tgħarraf lill-awtoritajiet kompetenti dwar id-dejta aggregata skont il-kategorija tal-pagamenti li ġiet irrapportata għall-Istat Membru tagħhom minn awtorità kompetenti oħra.

5. Il-frekwenza tal-ġbir tad-dejta, is-sottomissjoni għad-dati tal-EBA u s-sena ta' referenza

5.1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiġbru l-informazzjoni rigward il-persuni li jaqilgħu pagi għoljin mingħand l-istituzzjonijiet sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena.

5.2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jaggregaw id-dejta u jissottomettuhom, skont l-Istat taż-ŻEE, lill-EBA sal-31 ta' Awwissu ta' kull sena billi jużaw is-sistema ta' rapportar tad-dejta dwar ir-rimunerazzjoni tal-EBA u jsegwu l-ispeċifikazzjonijiet ipprovduti mill-EBA għall-użu ta' din is-sistema. Jekk ma jkunx hemm dejta x'tiġi rrapportata, l-awtorità kompetenti għandha tgħarraf lill-EBA kif xieraq.

5.3. Id-dejta rrapportata għandha tkun relatata mar-rimunerazzjoni mogħtija lill-persunal għas-sena tal-eżekuzzjoni qabel is-sena li fiha tiġi sottomessa l-informazzjoni.

5.4. Ir-rimunerazzjoni mogħtija abbażi tal-perjodi ta' akkumulazzjoni multiannwali li ma jdurux fuq bażi annwali, jiġifieri meta l-istituzzjonijiet ma jibdewx perjodu multiannwali ġdid kull sena, għandha tiġi allokata kompletament għas-sena tal-eżekuzzjoni li fiha ngħatat ir-rimunerazzjoni, mingħajr ebda kunsiderazzjoni tal-punt fiż-żmien meta effettivament titħallas ir-rimunerazzjoni varjabbli. Dawn l-ammonti għandhom jiġu rrapportati separatament sabiex tkun tista' ssir analiżi ulterjuri tal-varjazzjonijiet tar-rimunerazzjoni varjabbli u ma għandhomx jitnaqqsu mill-ammont ta' rimunerazzjoni varjabbli rrapportat.

³ L-EBA tipprovdli link għall-informazzjoni fuq is-sit elettroniku tagħha flimkien ma' dawn il-Linji Gwida; ir-rata tal-kambju tista' tiġi aċċessata wkoll taħt http://ec.europa.eu/budget/contracts_grants/info_contracts/infoeuro/infoeuro_en.cfm.

6. Il-kwalità tad-dejta

6.1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw il-kompletezza u l-plawżibbiltà tad-dejta rrapportata minn kull istituzzjoni u għandu jkollhom proċessi u kontrolli xierqa fis-seħħ sabiex jiżguraw li d-dejta tiġi aggregata b'mod korrett.

6.2. Bil-għan li jiżguraw il-kwalità għolja tad-dejta, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu kontrolli addizzjonali u speċifiċi fuq il-kwalità tad-dejta, fejn jintalbu jagħmlu dan mill-EBA.

Titolu III – Dispożizzjonijiet tranżitorji u implimentazzjoni

7. Tħassir

Il-Linji Gwida tal-EBA dwar l-eżerċizzju tal-ġbir tad-dejta rigward il-persuni li jaqilgħu pagi għoljin (EBA/GL/2012/05), li ġew ippubblikati fis-27 ta' Lulju 2012, jitħassru b'effett immedjat.

8. Arranġamenti tranżitorji

8.1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiġbru d-dejta relatata mas-sena tal-eżekuzzjoni 2013 mingħand l-istituzzjonijiet sa data li tiżgura li d-dejta relatata mas-sena tal-eżekuzzjoni 2013 tiġi sottomessa lill-EBA sat-30 ta' Novembru 2014.

8.2. Għad-dejta relatati mas-sena tal-eżekuzzjoni 2013, 'il-persunal li l-attivitajiet professjonali tagħhom għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni' jitqiesu bħala dawk li huma deskritti fl-Anness V, it-Taqsima 11(23) tad-Direttiva 2006/48/UE, kif emendata mid-Direttiva 2010/76/UE.

9. Data tal-applikazzjoni

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jimplimentaw il-Linji Gwida billi jinkorporawhom fil-proċeduri superviżorji tagħhom sal-31 ta' Ottubru 2014. Wara dik id-data, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet jikkonformaw magħhom b'mod effettiv.

ANNEX 1 – Informazzjoni dwar ir-rimunerazzjoni ta' persuni li jaqilgħu pagi għoljin

Isem tal-istituzzjoni/grupp:								
L-Istat taż-ŻEE li miegħu hija relatata d-dejta:								
Is-sena tal-eżekuzzjoni li għaliha tingħata r-rimunerazzjoni (sena n):								
Il-kategorija tal-pagamenti (EUR 1mn sa inqas minn EUR 2mn; EUR 2mn sa inqas minn 3mn; eċċ.)¹:								
	Il-funzjoni Superviżorja tal-korp manigerjali²	Il-funzjoni Maniġerjali tal-korp manigerjali³	Servizzi bankarji ta' investiment⁴	Servizzi bankarji bl-imnut⁵	Ġestjoni tal-assi⁶	Funzjonijiet korporattivi⁷	Funzjonijiet ta' kontroll indipendenti⁸	L-oħrajn kollha⁹

¹ Għandu jimtela mudell wieħed għal kull kategorija ta' rimunerazzjoni ta' EUR 1 miljun, filwaqt li l-ammonti kollha għandhom jiġu rrapportati bħala ammonti sħaħ f'euro (eż. EUR 123 456 7.00).

² Il-membri tal-korp maniġerjali fil-funzjoni superviżorja tiegħu; dan jinkludi diretturi mhux eżekuttivi ta' kwalunkwe bord fil-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidazzjoni, skont l-Artikolu 3(1)(8) tad-Direttiva 2013/36/UE. Il-membri għandhom jiġu assenjati f'din il-kategorija wara li jittieħed f'kunsiderazzjoni l-punt 2.4 ta' dawn il-linji gwida. Il-miżati tal-attenzenza għandhom jiġu rrapportati bħala rimunerazzjoni.

³ Il-membri tal-korp maniġerjali fil-funzjoni maniġerjali tiegħu skont l-Artikolu 3(1)(7) tad-Direttiva 2013/36/UE li għandhom funzjonijiet eżekuttivi fi ħdan il-korp maniġerjali; dan jinkludi d-diretturi eżekuttivi kollha ta' kwalunkwe bord fil-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidazzjoni.

⁴ Inklużi servizzi korporattivi ta' konsulenza finanzjarja, ekwità privata, swieq kapitali, kummerċ u bejgħ.

⁵ Inklużi l-attività tal-kiri totali (lil individwi u intrapriżi).

⁶ Inklużi l-ġestjoni tal-portafoll, il-ġestjoni tal-UCITS u forom oħrajn ta' ġestjoni tal-assi.

⁷ Il-funzjonijiet kollha li għandhom responsabbiltajiet għall-istituzzjoni kollha fil-livell konsolidat u għas-sussidjarji b'funzjonijiet bħal dawn fil-livell individwali, eż. ir-Riżorsi Umani, I-IT.

L-għadd ta' individwi fil-maniġment superjuri ¹⁰	#	#	#	#	#	#	#	#
L-għadd ta' individwi f'funzjonijiet ta' kontroll ¹¹			#	#	#		#	#
L-għadd ta' membri tal-persunal oħrajn	#		#	#	#	#	#	#
L-għadd totali ta' persuni li jaqilgħu pagi għoljin	#	#	#	#	#	#	#	#
Li minnhom: 'membri tal-persunal identifikati' ¹²	#	#	#	#	#	#	#	#

⁸ Il-persunal attivi fil-funzjonijiet indipendenti tal-ġestjoni tar-riskji, tal-konformità u tal-verifika interna kif deskritti fil-linji gwida tal-EBA dwar il-governanza interna. Tali rekwiżiti tar-rapportaġġ għandhom japplikaw għal dawn il-funzjonijiet fil-livell konsolidat u għas-sussidjarji b'funzjonijiet bħal dawn fil-livell individwali.

⁹ Fil-każ ta' membri tal-persunal li ma jistgħux jiġu identifikati f'wieħed mill-oqsma tan-negozju l-oħrajn, l-istituzzjonijiet għandhom jintalbu jindikaw il-funzjoni tal-membri tal-persunal fin-nota f'qiegħ il-paġna.

¹⁰ Maniġment superjuri kif definit fl-Artikolu 3(9) tad-Direttiva 2013/36/UE.

¹¹ Il-funzjonijiet ta' kontroll jinkludu funzjonijiet ta' kontroll fi ħdan l-unitajiet tan-negozju u l-funzjoni indipendenti tal-konformità, tal-kontroll tar-riskji u tal-verifika interna.

¹² Il-membri tal-persunal li l-attivitajiet professjonali tagħhom għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjonijiet skont l-Artikolu 92(2) tad-Direttiva 2013/36/UE (għad-dejta relatata mas-sena tal-eżekuzzjoni 2013 skont l-Anness V, it-taqsim 11(23), tad-Direttiva 2006/49/UE kif emendata mid-Direttiva 2010/76/UE).

Rimunerazzjoni fissa totali (f'EUR)¹³								
Li minnhom: fissi fi flus kontanti								
Li minnhom: fissi f'ishma u strumenti marbuta mal-ishma								
Li minnhom: fissi f'tipi oħrajn ta' strumenti								
Rimunerazzjoni varjabbli totali (f'EUR)¹⁴								
Li minnhom: varjabbli fi flus kontanti								
Li minnhom: varjabbli f'ishma u strumenti marbuta mal-ishma								

¹³ Rimunerazzjoni fissa tinkludi pagamenti, kontribuzzjonijiet tal-pensjoni (mhux diskrezzjonarji) regolari proporzjonati jew benefiċċji (fejn ikunu mingħajr kunsiderazzjoni ta' kwalunkwe kriterji tal-prestazzjoni).

¹⁴ Rimunerazzjoni varjabbli tinkludi pagamenti jew benefiċċji addizzjonali, skont il-prestazzjoni jew, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, elementi kuntrattwali oħrajn, iżda mhux dawk li jiffurmaw parti mill-pakketti ta' impjegi ta' rutina (bħall-kura tas-saħħa, il-faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal jew kontribuzzjonijiet tal-pensjonijiet regolari u proporzjonati). Għandhom jiġu inklużi kemm benefiċċji monetarji kif ukoll mhux monetarji. L-ammonti għandhom jiġu rrapportati gross, mingħajr ebda tnaqqis minħabba l-applikazzjoni tar-rata ta' skont għal rimunerazzjoni varjabbli għall-kategoriji ta' rimunerazzjoni varjabbli totali, varjabbli fi flus kontanti, varjabbli f'ishma u strumenti marbuta mal-ishma, kif ukoll varjabbli f'tipi oħrajn ta' strumenti.

Li minnhom: varjabbli f'tipi oħrajn ta' strumenti ¹⁵								
L-ammont totali ta' rimunerazzjoni varjabbli mogħtija fis-sena N u li kienet differita (f'EUR)¹⁶								
Li minnhom: varjabbli differita fi flus kontanti fis-sena N								
Li minnhom: varjabbli differita f'ishma u strumenti marbuta mal-ishma fis-sena N								
Li minnhom: varjabbli differita f'tipi oħrajn ta' strumenti fis-sena N ¹⁷								
Informazzjoni addizzjonali rigward l-ammont ta' rimunerazzjoni varjabbli totali								

¹⁵ Strumenti b'konformità mal-Artikolu 94(1)(l)(ii) tad-Direttiva 2013/36/UE.

¹⁶ Rimunerazzjoni differita b'konformità mal-Artikolu 94(1)(m) tad-Direttiva 2013/36/UE. L-ammonti għandhom jiġu rrapportati gross, mingħajr ebda tnaqqis minħabba l-applikazzjoni tar-rata ta' skont għal rimunerazzjoni varjabbli differita għall-kategoriji ta' rimunerazzjoni varjabbli differita totali, varjabbli differita fi flus kontanti, varjabbli differita f'ishma u strumenti marbuta mal-ishma, kif ukoll varjabbli differita f'tipi oħrajn ta' strumenti.

¹⁷ Strumenti msemmija fl-Artikolu 94(1)(l)(ii) tad-Direttiva 2013/36/UE.

L-għadd ta' beneficijarji ta' ħlasijiet relatati mat-terminazzjoni ta' impjeg	#	#	#	#	#	#	#	#
L-ammont totali ta' ħlasijiet relatati mat-terminazzjoni ta' impjeg imħallsin fis-sena N (f'EUR)								
L-ammont totali ta' kontribuzzjonijiet għall-benefiċċji tal-pensjonijiet diskrezzjonarji fis-sena N(f'EUR) ¹⁸								
L-ammont totali ta' rimunerazzjoni varjabbli mogħtija għall-perjodi multiannwali taħt il-programmi li ma jinbidlux kull sena (f'EUR)								

¹⁸ Kif definit fl-Artikolu 3(53) tad-Direttiva 2013/36/UE.

Nota f'qiegħ il-paġna: Il-membri tal-persunal irrapportati fil-kolonna "L-oħrajn kollha" jikkonsistu minn ... [għandha timtela skont in-nota 9 f'qiegħ il-paġna tal-Anness 1]¹⁹

¹⁹ L-awtoritajiet kompetenti għandhom jaggregaw in-noti f'qiegħ il-paġna f'qasam tat-test u jissottomettuh lill-EBA.

